

Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. fr, en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0396(NLE)

5400/22
ADD 2

JAI 57
FREMP 14
COVID-19 12
FRONT 25
MI 39
SAN 32
TRANS 25
IPCR 11
COCON 9
COMIX 33

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Koordinazzjoni COVID-19 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

Dikjarazzjoni mill-Kroazja dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475

Il-Kroazja tappoġġa l-approċċ koordinat bil-għan li tinħoloq uniformità akbar fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u tista' tappoġġa r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475.

Fl-istess ħin, il-Kroazja tqis li huwa meħtieġ li ttenni li l-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta att delegat li jipprevedi l-possibbiltà li jinħareġ ċertifikat tal-fejqa ibbażat fuq test rapidu tal-antiġeni pożittiv. Mingħajr dan l-att delegat, il-persuni li jiġu miċħuda ċertifikat tal-fejqa abbażi ta' test rapidu tal-antiġeni pożittiv jiġu mċaħħda inġustament mill-moviment liberu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom, li huwa saħansitra aktar evidenti fid-dawl tal-varjant Omicron li jinfirex malajr.

Barra minn hekk, fir-rigward tat-tul ta' żmien taċ-ċertifikati, il-Kroazja tixtieq tenfasizza li, abbażi ta' evidenza xjentifika, kemm iċ-ċertifikat tat-tilqim, kif ukoll iċ-ċertifikat tal-fejqa, jeħtieġ li jkollhom l-istess perijodu ta' validità, jiġifieri 270 jum.
